



Brussell, 7 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5926/22

LIMITE

IPCR 16
AG 14
RELEX 129
JAI 131
PROCIV 8
CSDP/PSDC 50
COCON 12
COTER 33
HYBRID 9
SAN 64
MI 82
CYBER 38

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	It-tiŝiħ tat-tnejja, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri - dokument ta' politika

Bil-ħsieb tat-tnejja tal-KAĠ, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument ta' politika dwar it-tiŝiħ tat-tnejja, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri.



IL-PRESIDENZA FRANĊIŻA TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

KAG tat-22 ta' Frar 2022 – It-tisħiħ tat-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri**Dokument ta' politika**

Fit-23 ta' Novembru 2021, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tat-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri¹.

Il-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2021² indika fil-konklużjonijiet tiegħu li l-ġestjoni tal-kriżijiet u r-reżiljenza huma "prijorità tranzversali prinċipali għall-Unjoni". Barra minn hekk, appella biex, minn naħa waħda, jissaħħu t-tħejjija u r-rispons tal-UE għall-kriżijiet permezz ta' approċċ li jinkludi l-perikli kollha u, min-naħa l-oħra, jissaħħu l-miżuri ta' reżiljenza u jsir monitoraġġ tagħhom, kif ukoll jiġu indirizzati l-oqsma fejn għadna esposti. Huwa stieden lill-Kunsill biex iwettaq progress fil-ħidma.

Wara l-Presidenza Slovena, twaqqaf grupp ad hoc biex jiżgura s-segwitu ta' din il-ħidma. Dan kellu l-ewwel laqgħa tiegħu fl-4 ta' Frar 2022. Il-Presidenza ċċirkolat kwestjonarju dwar it-tliet aspetti identifikati fil-ħidma tal-Kunsill matul il-Presidenza Slovena: i) it-tħejjija; ii) ir-rispons għall-kriżijiet; iii) ir-reżiljenza għall-kriżijiet futuri. Hija ser tħejji sommarju tat-tweġibiet tal-Istati Membri, li jikkontribwixxi għat-tkomplija tal-ħidma fil-grupp.

¹ [Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2021 - dok. 14276/21](#)

² [Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2021 - dok. EUCO 22/21](#)

Id-diskussjoni prevista fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali għandha l-għan li tipprovdi gwida politika dwar l-aktar suġġetti importanti.

1. Fir-rigward tat-tħejjija, fil-prinċipju l-Istati Membri kollha għandhom, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, pjanijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-15 ta' Ġunju 2021 dwar it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu mill-kriżi, il-Kummissjoni ħabbret it-tħejjija ta' rapport annwali dwar l-istat ta' tħejjija li jkopri mhux biss it-theddid għas-saħħa iżda kull tip ta' theddid (attakki kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, theżżiż siżmiku, diżastri teknoloġiċi jew ambjentali, "blackout").

B'mod partikolari, jista' jitqajmu żewġ kwistjonijiet li jirrigwardaw il-livell Ewropew: l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' tħejjija għal tipi differenti ta' kriżijiet; il-ħolqien ta' riżervi strateġiċi, lil hinn minn dak li diġà huwa previst fil-qafas ta' RescEU jew ta' HERA.

2. Fir-rigward tal-ġestjoni ta' kriżijiet, il-paragrafu 15 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2021 isemmi li *"l-arranġamenti tal-IPCR urew li huma strument flessibbli u utli biex jiġu indirizzati l-isfidi immedjati fi żminijiet ta' kriżi. Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' rispons għall-kriżijiet tal-Kunsill jibqa' adatt għall-iskop tiegħu, il-Kunsill ser jirrieżamina sa Ġunju 2022 jekk l-arranġamenti tal-IPCR jeħtiġux titjib jew tisħiħ, b'mod partikolari fl-oqsma ta' antiċipazzjoni u tħejjija, filwaqt li jieħu t-tagħlimiet identifikati mill-attivazzjonijiet tal-IPCR għall-kriżi tal-migrazzjoni u l-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll l-eżerċizzji tal-imgħoddi ta' ġestjoni ta' kriżijiet u l-esperjenzi rilevanti fil-livell tal-Istati Membri li għandhom jitqiesu fid-diskussjonijiet fil-Kunsill"*.

Ta' min isemmi f'dan il-kuntest ir-rwol importanti li għandhom ċerti strutturi, bħaċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'Każ ta' Emerġenza (ERCC), li b'mod partikolari jipprovdi funzjoni ta' koordinazzjoni operazzjonali b'appoġġ għall-IPCR.

Il-ħidma fil-ġimgħat li ġejjin għandha tippermetti li jitqies kwalunkwe titjib li jista' jkun meħtieġ isir fil-funzjonament tal-arranġamenti tal-IPCR fil-qafas aktar ġenerali tal-ġestjoni ta' kriżijiet fil-livell Ewropew.

3. Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-reżiljenza, qed isiru diversi ħidmiet.

Fil-livell leġislattiv, qed isiru trilogi dwar tliet testi importanti: id-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, id-Direttiva dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali tas-settur finanzjarju (DORA) u d-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (NIS 2).

Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni qed tħejji tabella ta' valutazzjoni tar-reżiljenza. Qed jiġu żviluppati wkoll il-miri tal-Unjoni fir-rigward tar-reżiljenza għad-diżastri f'konformità mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ċivili, abbażi tax-xenarji differenti li jista' jkun hemm. Barra minn hekk, tnedja Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-ministri huma mistiedna jwieġbu għall-mistoqsijiet li ġejjin:

- fil-fehma tagħkom, x'inhuma l-azzjonijiet li għandhom jingħataw prijorità biex tissaħħaħ it-tħejjija tal-Unjoni Ewropea għall-ġestjoni tal-kriżijiet?
- Taħsbu li l-IPCR qed jaħdmu sew? X'titjib għandu jsir ilhom?
- taħsbu li l-ħidma mwettqa fil-livell Ewropew fil-qasam tar-reżiljenza hija biżżejjed? Jekk huwa l-każ, x'azzjonijiet oħra għandhom jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari fil-qasam tar-riskju ċibernetiku?